**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 639/2022 DC**

***Joseph Farrugia***
***Alexandra sive Sandra Farrugia***

***vs***

***Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Pascal Francois Gery u b' digriet tal-31 ta' Awwissu 2022 ġew nominati l-Kuraturi Deputati l-Avukat Dr. Josette Sultana u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello u b' digriet tat-22 ta' Ġunju 2023 il-Kuraturi Deputati ġew estromessi mill-kawża u l-konvenut Pascal Francois Gery inkariga lill-Avukat Dr. David Farrugia Sacco biex jirrappreżentah f' dawn il-proċeduri.***

Illum, 20 ta' Frar, 2024

Il-Qorti,

Rat **ir-rikors ġuramentat** ta' Joseph Farrugia u Alexandra sive Sandra Farrugia ippreżentat fid-19 ta' Lulju, 2022 permezz ta' liema ppremettew:-

*1. Illi permezz ta' kuntratt ta' bejgħ datat l-4 ta' April 2018, fl-atti tan-Nutar Dottor Keith Ryan Calleja, l-esponenti biegħu lill-konvenut:*

*(i) penthouse internament numerata sebgħa (7) sitwata fil-ħames sular tal-blokk ta' bini li jinsab fi Triq il-Qamħ, kantuniera ma' Triq il-Kamp ta' Għajn Tuffieha, limiti tal-Manikata, Malta; u*

*(ii) garaxx li jinsab fil-livell tat-triq, bin-numru mhux uffiċjali erbgħa (4), bi ħruġ dirett fi Triq il-Kamp ta' Għajn Tuffieha, limiti tal-Manikata, Malta.*

*2. Illi l-prezz patwit kien dak ta' mitejn u sebgħin elf Ewro (€270,000) rappreżentanti in kwantu għal mitejn u erbgħin elf (€240,000)*

*ewro il-prezz tal-penthouse u r-rimanenti tletin elf ewro (€30,000) il-prezz tal-garaxx hawn fuq deskritti;*

*3. Illi madankollu kien ġie mifthiem illi l-konvenut iħallas lill-esponenti, minn dan il-prezz globali patwit, is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin elf u ħames mitt ewro (€232,500) fuq il-kuntratt, filwaqt li l-bilanċ pendenti ta' sebgħa u tletin elf u ħames mitt ewro (€37,500) jitħallsu wara li jitlestew il-finituri (finishes) indikati fid-dokument anness mal-kuntratt ta' bejgħ;*

*4. Illi minkejja li dawn il-finituri ġew debitament kompletati mill-esponenti, il-konvenut għoġbu li ma jħallasx il-bilanċ pendenti ta' sebgħa u tletin elf u ħames mitt ewro (€37,500) għaliex qabad u ddeċieda illi xi xogħolijiet ma sarux sewwa;*

*5. Illi dan assolutmanet ma hux minnu u kull allegazzjoni ġiet ikkontestata, bil-fatti, mill-esponenti. Apparti minn hekk il-konvenut ma għandu l-ebda' jedd legali li, unilateralment, jiddeċiedi illi jżomm dan il-bilanċ f'idejh u huwa wkoll sottomess li sal-lum ma' ħa assolutament ebda' passi kontra l-esponenti dwar dak allegat minnu;*

*6. Illi interpellat diversi drabi bil-miktub u anke' uffiċjalment permezz ta' ittra uffiċjali intavolata mill-esponenti nhar is-27 ta' Jannar 2022 (Ittra Numru 355/2022), il-konvenut baqa' jirrifjuta li jħallas lill-esponenti dan il-bilanċ ċert, likwidu u dovut ta' sebgħa u tletin elf u ħames mitt ewro (€37,500) u għalhekk kellha ssir din il-kawża kontra tiegħu.*

Illi wara li hekk ippremettew l-atturi talbu lil Qorti:

*1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi huwa debitur tal-esponenti fis-somma ta' sebgħa u tletin elf u ħames mitt ewro (€37,500) rappreżentanti bilanċ pendenti tal-prezz tal-bejgħ tal-proprjeta' hawn fuq indikata;*

*2. Konsewgwentament tikundannah iħallas lill-esponenti fis-somma ta' sebgħa u tletin elf u ħames mit ewro (Eur 37,500) bl-imgħax legali dekoribbli mid-data tal-ittra uffiċjali numru 355/2022 u ċioe is 27 ta' Jannar 2022 sad-data tal pagament effetiv.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, inkluż tal-ittra uffiċjali numru 355/2022 li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.*

Rat **ir-risposta tal-kuraturi deputati** l-Avukat Dr Josette Sultana u l-PL Gerald Bonello[1] ippreżentata fis-7 ta' Diċembru 2022 permezz ta' liema eċċepew:-

*Illi f'dan l-istadju, l-esponenti mhumiex edott mill-fatti, u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta fi stadju ulterjuri tal-proceduri jekk jkun il-kaz.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Pascal Gery** ippreżentata fil-21 ta' Diċembru, 2022 permezz ta' liema eċċepixxa:-

*1. Illi hemm qbil li fl-4 ta' April 2018 ir-rikorrenti biegħ lill-intimat il-penthouse numru 7, Triq Ħabb il-Qamħ, Manikata kif ukoll il-garage numru 4 fl-istess korp ta' bini versu l-prezz komplessiv ta' € 270,000 [mitejn u sebgħin elf Euro] speċifikament € 240,000 għal penthouse u € 30,000 għal garage. Iżda l-bilanċ huwa ta' € 33,800 stante li € 3,700 kienu dovuti mir-rikorrenti għal splashpoool li kellha titħallas mir-rikorrenti [Dok A];*

*2. Illi l-partijiet kienu ftehmu li peress li xi xogħolijiet ma kienux lesti ma' l-att tal-bejgħ, l-intimat kellu jzomm l-ammont ta' € 37,500 biex jitħallsu meta x-xogħolijiet jitlestew. Illi mhuwiex minnu li x-xogħolijiet tlestew u ġie komplut kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża [Dok B, C u D];*

*3. Illi x-xogħol li sar mhux komplut u mhux skond is-sengħa u l-arti, kif jidher fir-rapport tal-Perit Konrad Xuereb hawn anness u mmarkat Dok E;*

*4. Illi l-intimat sofra danni, kemm materjali minħabba xogħolijiet rimedjali kif jidher fil-prospett hawn anness u mmarkat Dok F, kif ukoll telf ta' dħul;*

*5. Illi mhux minnu li l-intimat żamm unilateralment għalih is-somma iżda l-istess intimat informa lir-rikorrenti bil-problemi li kien hemm u talab lir-rikorrenti jirrimedja u jagħmel tajjeb għal ħsarat, iżda għalkemm debitament interpellat l-istess rikorrenti baqa' inadempjenti.*

Rat **il-kontro-talba rikonvenzjonali tal-konvenut Pascal Gery** li permezz tagħha jixtieq jipprevalixxi ruħu mir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti sabiex jirrikonvjeni lill-istess rikorrenti permezz ta' liema ppremetta:-

*1. Illi fl-04 ta' April 2018 ir-rikorrenti biegħ lill-intimat il-penthouse numru 7, Triq Ħabb il-Qamħ, Manikata kif ukoll il-garage numru 4 fl-istess korp ta' bini versu l-prezz komplessiv ta' € 270,000 [mitejn u sebgħin elf Euro] speċifikament € 240,000 għal penthouse u € 30,000 għal garage;*

---

[1] A fol 112.

*2. Illi r-rikorrenti kellu jagħmel numru ta' xogħolijiet fil-proprjeta' in kwistjoni izda għalkemm interpellat ilesti baqa' inadempjenti (Dok B, C u D);*

*3. Illi x-xogħol li sar mhux skond is-sengħa u l-arti, kif jidher fir-rapport tal-Perit Konrad Xuereb hawn anness u mmarkat Dok E;*

*4. Illi l-intimat sofra danni, kemm materjali minħabba xogħolijiet rimedjali kif jidher fil-prospett hawn anness u mmarkat Dok F, kif ukoll telf ta' dħul kif ser jiġi ppruvat.*

Illi wara li hekk ippremetta talab talbu lil Qorti:

*1. Tiddikjara li r-rikorrenti rikonvenvenzjonat kien inadempjenti milli jagħmel ix-xogħolijiet li kien obbligat li jagħmel skond l-att ta' l-4 ta' April 2018;*

*2. Tillikwida, okkorrendo bil-ħatra ta' perit nominand, ix-xogħolijiet li kien obbligat li jagħmel ir-rikorrenti skond l-att ta'*

*3. l-4 ta' April 2018;*

*4. Tikkundanna li r-rikorrenti rikonvenzjonat iħallsu lill-intimat għal tali xogħolijiet;*

*5. Tiddikjara li r-rikorrenti rikonvenzjonat ikkawża danni lill-intimat, inter alia f'telf ta' dħul;*

*6. Tillikwida, okkorrendo bil-ħatra ta' perit nominand, id-danni kkawżati inter alia f'telf ta' dħul;*

*7. Tikkundanna li r-rikorrenti rikonvenzjonat iħallsu lill-intimat għal tali danni f'telf ta' dħul;*

*Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-perit, kif ukoll l-imgħax kontra r-rikorrenti, li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.*

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-atturi** Joseph Farrugia u Alexandra Farrugia **għall-kontro talba** tal-konvenut Pascal Gery ippreżentata fis-17 ta' April 2023 permezz ta' liema eċċepixxew:-

*1. **Illi in linea preliminari jiġi eċċepit in-nullita' tar-risposta maħlufa u l-kontro-talba in kwantu dina saret fuori termine u, fi kwalunkwe każ, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti apparti l-fatt ukoll li ġiet ippreżentata***

***fl-assenza tal-mandat tal-imħarrek assenti u kwindi bi vjolazzjoni tal-artikolu 180 (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;***

*2.* ***Illi in linea preliminari, u mingħajr ebda' preġudizzju għas-suespost, għandha tinġieb prova tal-mandat u li din saret qabel il-preżentata tar-risposta maħlufa;***

*3. Illi fil-mertu, u mingħajr ebda' preġudizzju għas-suespost, ma huwiex minnu illi l-eċċipjenti ma għamlux ix-xogħolijiet li kienu obbligati jagħmlu skont l-att tal-4 ta' April 2018 u għalhekk baqgħu inadempjenti. Dawn saru kollha u ġew iċċertifikati bħala kompletati mill-Perit Karl Borg permezz ta' completion certificate minnu maħruġ nhar il-15 ta' Ottubru 2018;*

*4. Illi ma huwiex minnu illi l-eċċipjenti ma wettqux ix-xogħolijiet li kienu obbligati jagħmlu bi traskuraġni u/jew mhux skont l-arti u s-sengħa. Ix-xogħolijiet kollha li kienu obbligati jagħmlu l-eċċipjenti, dejjem skont kif patwit bl-att tal-4 ta' April 2018 saru kollha bl-aqwa ħila u l-istandards tal-industrija;*

*5. Illi konsegwentement l-eċċipjenti ma kkawżaw l-ebda' dannu jew ħsara lill-konvenut rikonvenzjonant u fi kwalunkwe każ, l-istess konvenut huwa tenut jipprova n-ness bejn il-ħsara allegata u r-responsabbilità u/jew ħtija tal-eċċipjenti;*

*6. Illi f'kull każ it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u qed jiġu għal kollox respinti;*

*7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-digriet mogħti fit-13 ta' Jannar 2023 mill-Unur Tiegħu l-Prim Imħallef permezz ta' liema din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta[2].

Rat il-verbal ta'l-udjenza miżmuma fit-22 ta' Ġunju 2023[3] meta il-kawża tħalliet għall-provi u sosttomissjonijiet dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet ta'l-atturi rikonvenzjonati.

Rat il-verbal ta'l-udjenza miżmuma fiS-7 ta' Ottubru 2023[4] meta t-tieni eċċezzjoni ta'l-atturi rikonvenzjonati ġiet irtirata.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

[2] A fol 129.
[3] A fol 147.
[4] A FOL 150.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunisdrat

Illi permezz ta'l-ewwel eċċezzjoni tagħhom l-atturi rikonvenzjonati qed jeċċepixxu n-nullita tar-risposta ġuramentata u tal-kontrotalba preżentati minn Pascal Gery in kwantu *fuori termine,* u mingħajr l-awtoriżazzjoni tal-Qorti anke f'l-assenza tal-mandat tal-konvenut.

Illi biex tiġi deċiża din l-eċċezzjoni jkun utli li jiġi rintraċċat l-iter li segwit din il-kawża:

- Ir-rikors ġuramentat ġie preżentat fit-18 ta' Lulju 2022; kontestwalment l-atturi preżentaw rikors għan-nomina ta' kuraturi deputati biex jirraprweżentaw lill-konvenut Pascal Gery li huwa assenti minn Malta u l-indirizz tiegħu ma kienx magħruf lill-atturi[5].
- Il-bandu relattiv għan-nomina ta' kuraturi ġie notifikat lill-Avukat Dr David Farrugia Sacco fit-22 ta' Awwissu 2022[6]; l-imsemmi Avukat Farrugia Sacco ma aċċettax li jidher bħala kuratur ta' Pascal Gery.
- Permezz ta' degriet datat 31 ta' Awwissu 2022[7] ġew nominati l-Avukat Dr Josette Sultana u l-PL Gerald Bonello bħala kuraturi. Huma ġew notifikati bir-rikors ġuramentat f'l-14 ta' Novembru 2022[8] u preżentaw ir-risposta tagħhom fis-7 ta' Diċembru 2022[9].
- Fis-26 ta' Novembru 2022 Pascal Gery ta' prokura lill-Avukat Dr David Farrugia Sacco biex jidher f'ismu f'l-atti tal-kawza odjerna u biex jipprezenta risposta u anke kontrotalba[10].
- F'l-14 ta' Diċembru 2022 ġie preżentat rikors minn Pascal Gery[11] permezz ta' liema, wara li ppremetta li huwa kien ikkomunika ma' avukat ta' fiduċja tiegħu, Dr David Farrugia Sacco, talab li l-istess avukat "*jassumi l-patroċinju tal-każ*". B'degriet mgħoti minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-16 ta' Diċembru 2022[12] Dr David Farrugia Sacco ġie awtoriżżat jassumi l-patroċinju ta' Pascal Gery minflok il-kuraturi.
- Fil-21 ta' Diċembru 2022 ġiet preżentata risposta ġuramentata ta' Pascal Gery flimkien ma kontrotalba[13]; ir-rikors u l-kontrotalba ġew ġuramentati mill-Avukat Dr David Farrugia Sacco.
- Fis-17 ta' April 2023 l-atturi rikonvenzjonati preżentaw ir-risposta ġuramentata tagħhom.

[5] Rikors a fol 28.
[6] Ref riferta a tergo ta' fol 27.
[7] A fol 51.
[8] Roferta a tergo ta' fol 60.
[9] A fol 112..
[10] Ref prokura a fol 149.
[11] A fol 61.
[12] Fol 62.
[13] A fol 63.

- Waqt l-udjenza tat-22 ta' Ġunju 2023[14] peress illi Pascal Gery kien qed jidher personalment tramite l-Avukat Dr Farrugia Sacco, il-Qorti ordnat l-estromissjoni tal-kuraturi deputati.

Illi l-ewwel risposta ġuramentata preżentata kienet dik preżentata mill-kuraturi. Din ir-risposta, preżentata entro t-terminu ta' għoxrin jum min-notifika lilhom tar-rikors ġuramentat, kienet waħda intiża biex jevitaw il-kontumaċja stante li kif dikjarat f'dik l-istess risposta ġuramentata huma ma kienux edotti mill-fatti u ma setgħu jgħidu xejn dwar il-mertu tat-talbiet attriċi. Huma fil-fatt irriżervaw li jippreżentaw risposta ulterjuri jekk inkun il-każ. Din ir-risposta "ulterjuri" ġiet preżentata, mhux minnhom pero imma mill-konvenut Gery tramite l-avukat ta' fiduċja tiegħu; flimkien mar-risposta ġiet preżentata ukoll kontro-talba.

Illi sitwazzjoni simili, għalkemm mhux għal kollox identika, ġiet trattata fil-kawża f'l-ismijiet ***Motherwell Bridge Mediterranean Limited vs L-Avukat Dr. Leslie Cuschieri et noe*** deċiża finalment mill-Qorti ta'l-Appell fit-18 ta' Settembru 2009. F'dik il-kawża kienu ġew appuntati kuraturi biex jirrappreżentaw lis-soċjeta konvenuta, soċejta estera. Il-kuraturi preżentaw nota ta' eċċezzjonijiet simili għal dik preżentata fil-proċeduri odjerni fit-terminu statutorju. Meta il-kuraturi rnexxielhom jikkomunikaw mas-soċjeta minnhom rappreżentata u ġabu l-informazzjoni kollha meħtieġa preżentaw nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri u flimkien magħha għamlu kontrotalba. Saret talba għall-isfliz tal-kontrotalba liema talba ġiet miċħuda mill-qorti tal-prim'istanza, ċaħda li ġiet konfermata mill-Qorti ta' l-Appell. Din l-aħħar qorti qalet hekk fir-rigward:

> *... ... il-lanjanza tas-soċjeta` appellanti mhux indirizzata lejn il-valdita` o meno tal-kontro-talba ut sic billi ma tentrax f'dawk il-paramentri stabbiliti mil-ligi, iżda qed issostni li din ma setgħetx issir billi ma saritx man-nota tal-eċċezzjonijiet oriġinali. In sostenn ta' dan l-argument l-atturi appellanti kienu għamlu referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tat-3 ta' April, 1989 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Brownrigg noe vs Frederick Heese et noe fejn kien ġie ribadit il-prinċipju li kontro-talba għandha tiġi ppreżentata man-nota tal-eċċezzjonijiet oriġinali u mhux ma xi waħda sussewgenti. Biss din il-Qorti tosserva li din ir-referenza ma għandha ebda utilita` għall-każ sotto-eżami u dan għas-sempliċi raġuni li, kuntrarjament għall-kaz odjern, fil-każ ċitat kienu l-istess konvenuti li kienu ġew notifikati bl-atti taċ-ċitazzjoni u kienu huma stess li ppreżentaw nota tal-eċċezzjonijiet oriġinali u konsegwentement skatta l-provvediment tal-Artikolu 398(1) tal-Kap 12 li jipprovdi li l-kontro-talba għandha tiġi preżentata man-nota tal-eċċcezzjonijiet. Mentri fil-każ odjern il-konvenuti, ossia il-kumpannija konvenuta qatt ma ġiet notifikata bl-att taċ-ċitazzjoni ħlief tramite l-*

[14] Ref verbal a fol 147.

*kuraturi maħtura appożitament mill-Qorti biex jirrapreżentawha. Dan ġie ribadit fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża Profs. Victor Milanes et vs Avukat Christopher Cilia et deċiża fit-18 ta' Ottubru, 2005 u ċitata fid-digriet tal-ewwel Qorti tat-18 ta' Novembru, 2005. Għalhekk filwaqt li fil-każ ċitat mis-soċjeta` attriċi l-persuni notifikati bl-att taċ-ċitazzjoni kienu jew kellhom ikunu pienament konxji tal-kwistjonijiet ta' bejn il-partijiet u setgħu faċilment ottemperaw ruħhom ma dak li tistabilixxi l-liġi, fil-każ odjern il-kuraturi ma kellhom ebda konoxxenza tal-mertu u setgħu biss iressqu l-eċċezzjonijiet 'proprji' u saħansitra kontro-talba wara li jikkomunikaw mal-patroċinati tagħhom.*

*Is-sottomissjoni tas-soċjeta` appellanti, jekk kellha tiġi akkolta, twassal għas-sitwazzjoni nġusta u inekwa u bla sens li persuna assenti rappreżentata minn kuraturi la tista` tressaq eċċezzjonijiet fil-mertu ġialadarba ġia jkunu ġew preżentati eċċezzjonijiet mill-kuraturi u dan a tenur tal-Artikolu 728 tal-Kap. 12, u ma tkunx tista' tippreżenta kontro-talba. Dan fil-fehma ta' din il-Qorti jmur kontra l-prinċipju ta' equality of arms u kontra l-prinċipju ta' fair hearing. Dan l-aggravju għalhekk mhux qed jiġi akkolt billi mhux ġustifikat.*

Illi fil-proċeduri odjerni ma kienux l-kuraturi li preżentaw risposta ġuramentata oħra aktar dettaljata  imma l-konvenut personalment tramite l-avukat ta' fiduċja tiegħu. Pero l-prinċipji emerġenti minn dan il-bran japplikaw ukoll għall-każ in eżami.

Illi mill-atti proċesswali ma jirriżultax li l-konvenut personalment qatt ġie notifikat bir-rikors ġuramentat[15], għalhekk fil-konfront tiegħu personalment it-terminu ta' għoxrin jum għall-preżentata tar-risposta ġuramentata qatt ma beda jiddekorri. Kienu biss il-kuraturi li ġew notifikati; huma preżentaw risposta, entro termine, sempliċiment biex jgħidu li ma kienux edotti mill-fatti u rriżervaw id-dritt li jippreżentaw risposta ulterjuri. Fil-frattemp il-konvenut Gery, għalkemm hux uffiċjalment notifikat bir-rikors ġuramentat, sar jaf bil-kawża u personlament (tramite l-avukat ta' fiduċja tiegħu) preżenta risposta dettaljata flimkien mal-kontrotalba tiegħu. Din it-tieni risposta ġuramentata Gery ma sejħieliex "risposta ulterjuri" imma "risposta".

Illi kif ntqal ir-raġunament li wassal lill-Qorti ta'l-Appell biex tiċħad it-talba għall-isfilż tal-kontrotalba fil-kawża ċitata japplika ukoll fil-każ in eżami. Dan għaliex meta il-konvenut Gery, assenti minn Malta, sar jaf bil-kawża (għalkemm

[15] Kuntrarjament għal dak li allega l-abbli difensur ta'l-atturi, ir-riferta a fol 27 mhiex dik relattiva għan-notifika lill-konvenut bir-rikors ġuramentat, imma hija r-referta tan-notifika lill-Dr David Farrugia Sacco bil-bandu relattiv għat-talba għal nomina tal-kuraturi. Notifika in oltre li saret fi żmien meta Dr Farrugia Sacco kien għadu ma ngħatatx mandat mill-konvenut Pery.

kif ġia ntqal kien għadu mhux notifikat b'l-atti relattivi) minflok ma' informa lill-kuraturi b'l-informazzjoni neċessarja biex ikunu jistgħu, fit-termini tas-sentenza ċitata, jippreżentaw *l-eċċezzjonijet proprji* preżentahom huwa stess. Bħall-Qorti ta'l-Appell din il-Qorti hija tal-fehma li l-prinċipji ta' *fair hearing* u *equality of arms* jiddettaw li l-konvenut għandu jkollu l-opportunita effettiva li jikkontesta l-kawża mhux biss billi jippreżenta risposta ġuramentata "propja" imma anke kontrotalba.

Ikkunsidrat

Illi atturi rikonvenzjonati jilmentaw ukoll dwar il-fatt li l-konvenut Gery ma talabx il-permess tal-Qorti u li fi kwalunkwe każ mar-risposta ma ġiex preżentat il-mandat mgħoti lil Dr David Farrugia Sacco skond kif rikjest mill-artikolu 180(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-atturi jsostnu li dawn in-nuqqasijiet jgiebu n-nullita tar-risposta u konsegwentement tal-kontrotalba.

Illi f'dan ir-rigward jibda biex jingħad li l-artikolu 180(1) ma jimponi l-ebda obbligu, taħt piena ta' nullita fin-nuqqas,  tal-preżentata tal-mandat flimkien mal-preżentata ta'l-iskrittura. Fil-każ in eżami l-mandat ġie preżentat aktar tard.

Illi dwar in-nullitajiet proċedurali huwa stabbilit li:

> *Hu pacifiku fid-dottrina li n-nullitajiet procedurali ghandhom jirrizultaw espressament mil-ligi. Il-ligi kif issa emendata tipprovdi illi l-eccezzjoni ta' nullita` tal-atti gudizzjarji tista' tinghata biss jekk in-nullita` hija dikjarata mil-ligi espressament; jekk l-att jinhareg minn Qorti mhux kompetenti; jew jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi; ukoll jekk mhux taht piena ta' nullita`,* ***kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun gabet lill-parti li titlob in-nullita`, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort'ohra hlief billi jigi annullat;*** *jew jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi (Artikolu 789 tal-Kap. 12). Eccezzjoni li ma tkunx tista' tinghata jekk dan in-nuqqas, jew vjolazzjoni, ikun jista' jissewwa taht xi disposizzjoni ohra tal-ligi. Provvedimenti dawn li juru l-intenzjoni tal-legislatur li mhux biss jillimita l-kazijiet ta' nullita` ghall-minimu assolutament mehtieg, imma wkoll li anke fejn tali nullita` hi imposta, tinghata l-opportunita` li tigi evitata fejn il-ligi stess tipprovdi rimedju.*[16]

Illi din il-Qorti kif diversament presjeduta kellha l-opportunita, f'sentenza mgħotija fil-11 ta' Marzu 2015 fil-kawża ***Ellith Management & Sales Limited***

[16] Ref ***Salvino Busuttil et vs Agsotino Baldacchino*** deċiża fit-28 ta' Jannar 1998 mill-Qorti ta'l-Appell u ċitata b'approvazzjoni minn dik l-istess Qorti fis-sentenza mgħotija fit-22 ta' Frar 2013 fil-kawża **Bawag Bank Malta Limited v. Gemxija Crown Limited.**

***vs Capstone Advisory Co. Limited,*** tgħaddi in rassenja il-ġurisprudenza prevalenti in tema.

> *... ... skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna biex iwassal għan-nullità ta' atti gudizzjarji hemm bżonn li nuqqas ikun tali li ma jistax jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali. Ara Appell Ċivili Superjuri Ellul E. vs Agnese Gera de Petri, 21 ta' April, 1995).*
>
> *Difett proċedurali ma jġibx in-nullità tal-att jekk il-parti l-oħra ma tbatix xi preġudizzju serju. Ara Attard Michael vs Raymond Galea Appell Ċivili Superjuri, 12 ta' Mejju 1998). Biex tiġi dikjarata nulla ċitazzjoni u jitwaqqaf il-kors tagħha, jinħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tal-konvenut. (Ara Francis Xavier sive Mosè Aquilina vs Carmela sive Lina Aquilina, Appell Ċivili Superjuri 21 ta' Marzu 1988).*
>
> *Il-Qrati tagħna mhumiex favur il-formaliżmu esaġerat u fejn jistgħu jsalvaw l-atti u mhux jannullawhom. Il-prassi segwita mill-Qrati tagħna, anke a bażi tal-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluż l-Art. 175 tal-Kap.12 hija li formaliżmu eżaġerat ilu ħafna li ġie mnaqqas u limitat u bir-raġun il-liġi qegħda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formaliżmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh ("Fino vs Fabri noe" – deċiża mill-Qorti tal-Appell – 28 ta' rar 1997; Malta Development Corporation vs Paul Licari deċiża mill-Prim'Awla fit22 ta' April 2004, Charles Fino vs Alfred Fabri noe Appell tat-28 ta' rar 1997, Maurizio Urso vs Fr. Charles Cini, deċiża mill-Prim'Awla fid-19 ta' Jannar 1999) u konsegwentement l-atti ghandhom jigu salvati anzichè annullati jew dikjarati nulli ("Ellul vs Coleiro" – Qorti tal-Appell – 24 ta' Jannar 1994. Ara wkoll – "Guillaumier Industries Ltd vs Fava et" – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – 28 ta' Ottubru 1998, "Attard noe vs Galea" – Qorti tal-Appell – 12 ta' Mejju 1998 u "Aquilina vs Cassar" – Vol.LXXVI.IV.666).*
>
> *Fil-kawza "Vella vs Cefai" Appell Ċivili – 4 ta' Novembru 1991 – Vol.LXXV.II.467) il-Qorti tal-Appell sostniet li meta fl-att taċ-ċitazzjoni jkun hemm vjolazzjoni tal-forma, l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni tista' tiġi milqugħa biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in- nullità preġudizzju li ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat. Inoltre l-Qorti kompliet tafferma li f'dawn il-każi huwa dejjem opportun li l-Qorti, kemm jista' jkun għall-pratticità u sabiex tiġi evitata multiplikazzjoni ta' kawżi u spejjeż żejda, għandha tkun iebsa meta tilqa' l-eċċezzjoni tan-nullità u kemm jista' jkun għandha ssalva atti ġudizzjarji. Att ta' ċitazzjoni għandu jiġi mwaqqa'*

> *u annullat biss għal raġunijiet gravi. In-nullità tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara ghal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali. (Ara wkoll sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Frar, 2015 fl-ismijiet S.M.T. Developers Limited u Bathroom Styles Limited vs. Soap and Sponge Limited).*

Illi stabbiliti dawn il-prinċipji u b'applikazzjoni tagħhom għall-każ in eżami għandu jkun ċar li anke kieku, għall-grazzja ta'l-argument hemm xi nuqqas proċedurali, l-atturi ma werewx li soffrew xi preġudizzju li ma jistgħax jissewwa ħlif billi r-riposta u l-kontrotalba jiġu annulati.

Illi tenut kont tas-suespost l-ewwel eċċezzjoni ta'l-atturi rikonvenzjonati qed tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat

Illi t-tieni eċċezzjoni ta'l-atturi rikonvenzjonati ġiet irtirata, konsegwentement il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta u tiddeċiedi billi, fil-waqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eċċezzjoni ta'l-atturi rikonvenzjonati stante li din ġiet irtirata, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni ta'l-atturi rikonvenzjonati. Spejjez riżervati għall-ġudizzju finali.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**